# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Marzu, 2019**

**Numru 20**

**Rikors Numru 10/19 TA**

**Tlata Limited (C16319)**

**vs**

**Peter Agius (ID 131770M)**
**Doris Agius (ID 209269M)**

**Il-Qorti:**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fid-9 ta' Jannar 2019 minn Paul Falzon u mahluf mill-istess, is-socjeta` Attrici ppremettiet u talbet is-segwenti:-

> "Illi l-intimati huma debituri certi likwidi u dovuti tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' wiehed u sebghin elf, hames mija u sitta u hamsin Euro u sebgha u tletin centezmu (€71,556.37) ghal diversi xoghlijiet u konsenji kif jirrizulta mill-prospett anness Dok TL;
>
> Illi parti mill-fuq imsemmi ammont suppost thallas permezz ta' cheques fl-ammont ta' sittax-il-ef Euro (€16,000) li izda meta l-istess gew presentati ghall-hlas dawn ma ssarfux. Dok TL1 u TL2.

Illi nonostante, interpellat l-intimat baqghet inadempjenti;

Illi ghalhekk, l-ammont dovut mill-intimati huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni x'jissollevaw kontra l-pagament tal-istess;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini ta' Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghad-dispensa mis-smiegh tal-kawza;

Jghidu ghalhekk l-intimati l-ghaliex, dina l-Qorti ma ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet fuq premessi, u in vista ta' l-affidavit guramentat u hawn unit (Dok PF);

1. Tikkundanna lill-intimati flimkien u solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' wiehed u sebghin elf, hames mija u sitta u hamsin Euro u sebgha u tletin centezmu (€71,556.37) bl-imghax minn Gunju elfejn u sbatax (2017) ossija d-data ta' l-ahhar transazzjoni; u dana bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' Artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez tal-presenti, kontra l-intimati minn issa ingunti in subizzjoni."

Rat id-dokumenti kollha annessi mal-istess rikors guramentat;

Rat li l-konvenuti debitament notifikati kif trid il-ligi fil-31 ta' Jannar, 2019 bir-rikors guramentat, avviz tas-smiegh u digriet tal-Qorti tal-24 ta' Jannar, 2019 li bih appuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-25 ta' Frar, 2019 fil-11.30 am;

Rat li l-konvenuti minkejja notifikati kemm bl-avviz ta' smiegh u anke bid-digriet ta' din il-Qorti baqghu ma dehrux ghas-seduta fuq imsemmija;

Semghet ix-xhieda ta' Paul Falzon fis-seduta tal-25 ta' Frar, 2019;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Din hija kawza ai termini tal-artikolu 167 et sequens tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ammont li qieghed jintalab mis-Socjeta` Attrici jirrizulta li huwa cert, likwidu u dovut u li Paul Falzon, direttur tas-Socjeta` Attrici jiddikjara li ma jafx li l-konvenuti ghandhom xi eccezzjonijiet x'jaghtu. L-ammont, kemm mid-dokumenti u anke kif ikkonfermat mill-imsemmi Paul Falzon fix-xhieda tieghu, jirrizulta ampjament dovut. Il-konvenuti urew li l-anqas ghandhom interess li jikkontestawh.

Il-konvenuti lanqas dehru, minkejja notifikati kif trid il-ligi, biex jopponu ghall-procedura bid-dispensa tas-smiegh.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti thoss li t-talbiet tas-Socjeta` Attrici gew ipprovati.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tilqa'** t-talbiet attrici billi tiddisponi mis-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement

tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-Socjeta` Attrici l-ammont ta' wiehed u sebghin elf, hames mija u sitta u hamsin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€71,556.37) bl-imghaxijiet kif mitluba sal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza a` karigu tal-konvenuti.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**